## 18 ta' Ottubru, 1960

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Antonia Grech et.

*versus*

Carmelo Farrugia et.

**Legat — Immissjoni fil-Pussess — Art. 758(1), 876 u 763 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Kwalunkwe legat pur u sempliċi jagħti lill-legatarju, mill-ġurnata tal-mewt tat-testatur, dritt, trasmissibbli lill-eredi tiegħu jew lill-aventi kawża minnu, li jikkonsegwixxi l-legat. Però, il-legatarju għandu jitlob lill-eredi l-pussess tal-ħaġa legata, b'mod illi l-legat ma jiġix trasferit "ipso facto" lill-legatarju. Il-legat jgħaddi biss għand l-eredi; salvo mbgħad lil dan li jittrasferieh lill-legatarju. Konsegwentement, il-legatarju ma jistgħax jeżerċita ebda azzjoni kontra t-terzi fuq l-oġġett tal-legat qabel ma jkun sar il-possessur tal-legat.*

*Il-fatt li t-testatur ma jkunx innomina eredi, u li għalhekk ma jkunx hemm eredi lil min il-legatarju jitlob l-immissjoni fil-pussess tal-legat, ma hux ta' ostakolu; għax f'dan il-każ id-domanda tista' ssir kontra l-eredità tat-testatur rappreżentata minn kuraturi.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, peress li l-attriċi hi proprjetarja tal-fond 31 Annunciation Street, Hamrun, li ċ-ċwievet tiegħu jinsabu f'idejn il-konvenuti mingħajr ebda titolu; u peress li aktarx li l-konvenuti qegħdin jokkupaw parti minn dan il-fond, jew forsi anki l-fond kollu; l-atturi jitolbu illi l-konvenuti jiġu kundannati, it-tnejn jew min minnhom, li jikkonsenjaw lill-attriċi ċ-ċwievet tal-imsemmi fond; u jekk hemm bżonn jiġu kundannati jiżgumbraw mill-istess fond fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom impost minn din il-Qorti. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis:*

Ikkunsidrat;

Illi b'testment taż-17 ta' Frar 1947, fl-atti tan-Nutar Dr. Robert Girard, kif modifikat b'testment ieħor tal-10 ta' Lulju tal-istess sena fl-atti tal-imsemmi nutar, Concetta armla minn Giovanni Bonavia; fost dispożizzjonijiet oħra, iddikjarat li l-fondi li qegħdin il-Hamrun, Brighella Street, numri 141 u 142, u Annunciation Street numri 29 u 31, huma konfinanti wieħed mal-ieħor per mezz ta' bibien; u, sabiex jiġu evitati kwistjonijiet, ordnat li qabel ma ssir il-likwidazzjoni u diviżjoni ta' ġidha, l-imsemmijin bibien għandhom jingħalqu u jiġu mbarrati bil-ġebel, b'mod tali li kull fond ikun assolutament għalieh u ma jkollux x'jaqsam mal-fondi l-oħra; ħalliet b'titolu ta' legat, u għas-saldu ta' kull dritt ereditarju li jista' jkollha lill-bintha Antonia mart Luigi Grech, bis-sostituzzjoni volgari ta' wliedha u ulterjuri dixxendenti, il-mezzanin li qiegħed il-Hamrun, Annunciation Street numru 13, u dan bħala rikompensa u sinjal ta' rikonoxxenza lejn l-imsemmija bintha talli qegħedha tieħu kura assidwa u kontinwa tagħha, bil-kondizzjoni li din l-istess bintha tkompli tagħmel dan sal-mewt; u għas-saldu ta' kull dritt ereditarju li għandhom ħalliet b'titolu ta' legat, f'porzjonijiet ugwali bejniethom, lill-uliedha Teresa mart Antonio Piscopo, Caterina mart Carmelo Farrugia, u Carmelo Bonavia, bis-sostituzzjoni volgari ta' wliedhom u ulterjuri dixxendenti, u in mankanza ta' dawn bid-dritt tal-akkrexximent, il-ħanut numru 29 Annunciation Street, Hamrun, it-terran numru 140 Brighella Street, Hamrun, u r-remissa b'kamra magħha numri 141, 142 u 143 Brighella Street, Hamrun. It-testatrici fissret li mhix qegħdha tinnomina eredi minħabba li hija assenjat kull ma għandha b'dawn it-testmenti;

Illi l-atturi jgħidu li l-attriċi hi proprjetarja tal-fond numru 31 Annunciation Street, Hamrun, billi l-istess ġie mħolli lilha b'legat minn ommha Concetta Bonavia, kif intqal iżjed il-fuq, u jgħidu li ċ-ċwievet tiegħu jinsabu f'idejn il-konvenuti mingħajr ebda titolu, u li aktarx li l-konvenuti qegħdin jokkupaw parti minn dan il-fond, jew forsi anki l-fond kollu. L-atturi qegħdin għalhekk jitolbu li l-konvenuti jiġu kundannati, it-tnejn jew min minnhom, li

jikkonsenjawlhom iċ-ċwievet tal-imsemmi fond, u jekk hemm bżonn jiġu kundannati jiżgumbraw mill-istess fond. Il-konvenuti jeċċepixxu preliminarment li l-azzjoni tal-atturi hija ntempestiva (1) għaliex l-attriċi kellha qabel titlob li tiġi immessa fil-pussess tal-fond ġa msemmi, (2) u għaliex il-bibien li jniffdu l-fondi għadhom ma ġewx imbarrati;

Illi skond l-art. 758(1) tal-Kodiċi Ċivili, kwalunkwe legat pur u sempliċi jagħti lill-legatarju, mill-ġurnata tal-mewt tat-testatur, dritt trasmissibbli lill-eredi tiegħu jew lil dawk li għandhom kawża minnu, li jikkonsegwixxi l-legat. Għalhekk minn dik il-ġurnata dak id-dritt jidħol fil-patrimonju tal-legatarju, anki ad insaputa tiegħu stess, u jista' jiġi aljenat u trasmess lill-eredi u suċċessuri tal-istess legatarju; u l-legatarju, kwindi, isir proprjetarju tal-legat indipendentement mit-tradizzjoni tiegħu. Għalhekk, il-legatarju, oltre li għandu l-azzjoni "ex testamento" kontra l-eredi biex iġiegħlu jirrilaxxjalu l-legat, u hekk huwa jottjeni l-pussess tiegħu, jista' jirrivendika l-oġġett tal-legat kontra kull min ikun jiddetjenieh, sakemm l-istess legat ikun ta' ħaġa ċerta u determinata. Però, skond l-art. 763 tal-istess Kodiċi, il-legatarju għandu jitlob lill-eredi l-pussess tal-ħaġa legata; u għalhekk, a differenza tal-proprjetà, il-legat ma jiġix trasferit "ipso facto" lill-legatarju. Il-legat, b'liġi, jgħaddi biss għand l-eredi (art. 876 Kap. 23), salvo mbgħad lil dan li jittrasferieh lill-legatarju. B'dan il-mod, il-legatarju ma jistgħax jeżerċita kontra t-terzi ebda azzjoni fuq l-oġġett tal-legat qabel ma jkun sar il-possessur tiegħu;

Illi, kif jidher miċ-ċitazzjoni, u anki mid-dibattitu orali, l-attriċi ma għandhiex il-pussess, la b'immissjoni straġudizzjali, u lanqas bid-detenzjoni taħt titolu ieħor, jew b'xi mod ieħor tal-fond imsemmi, imħolli lilha b'titolu ta' legat; u jidher, anzi, li l-istess fond, oġġett tal-legat, jinsab "de facto" f'idejn il-konvenuti u jinsab għand dawn bħala terzi. Ma jirriżultax, u lanqas l-atturi ma jippretendu, li huma talbu lill-eredi l-immissjoni tagħhom fil-pussess tal-

fond imsemmi; u kwindi huma, li għadhom ma sarux pussessuri tal-oġġett tal-legat, għad ma jistgħux jaġixxu kontra l-konvenuti fuq dak l-oġġett;

"Il legatario che non ha ottenuto il rilascio non può agire contro i detentori delle cose legate...... perchè il suo diritto di proprietà non è ancora riconosciuto; è soltanto in virtù del rilascio che verrà accertato essere egli proprietario; fino a tal momento la sua proprietà rimane un diritto astratto, che può vendere e che trasmette ai suoi eredi, ma di cui non ha l'esercizio" (Laurent, Diritto Civile, Vol. XIV, no. 62). "Allorchè la cosa legata trovasi in possesso di un terzo possessore, il legatario, per poterla rivendicare contro questo terzo, deve preventivamente farsi rilasciare il suo legato dall'erede o altro successore gravato della prestazione di esso" (Pothier, Trattato dei Testamenti, Cap. V, sez. III, art. 2). "L'esercizio di queste azioni reali è però subordinato al riconoscimento del legato da parte dell'erede (Pacifici Mazzoni, Delle Successioni, Vol. VII, no. 54);

Illi l-atturi jissottomettu li huma ma talbux, u lanqas setgħu jitolbu, l-immissjoni tagħhom fil-pussess tal-fond imħolli b'legat lill-attriċi, għar-raġuni li, kif ġa ntqal, it-testatriċi ma istitwietx eredi. Din, però, mhix raġuni sufficjenti li teżonera lill-atturi mill-obbligu tagħhom, impost mill-liġi, li jiddomandaw lill-eredi l-pussess tal-legat. Għalkemm id-decujus fit-testment tiegħu ma jistitwixxix eredi, l-eredità tibqa'; għaliex anki f'każ li d-decujus "ha disposto di ogni sua sostanza per via di legati, resta tuttavia l'eredità......" (Fadda, Giurisprudenza sul Codice Civile, art. 869, no. 3). Min jagħmel testment mingħajr ma jistitwixxi fih eredi, iħalli eredità in parti testata u in parti intestata (Vol. XXIX-I-581). It-talba għall-immissjoni fil-pussess tal-legat għandha għalhekk issir kontra din l-eredità rappreżentata minn kuraturi, li għalkemm ma jkollhomx il-pussess materjali konformement għall-art. 763, li jsemmi l-eredi biss, bħala dak li lilu għandha ssir it-talba, ikollhom però il-pussess leġittimu;

Illi mill-premess hu ċar li l-atturi ma kellhom qatt s'issa l-pussess leġittimu tal-fond in kwistjoni, u kwindi,

"rebus sic stantibus", huma ma jistgħu jeżerċitaw ebda azzjoni, lanqas dik dedotta minnhom kontra l-konvenuti, rigward l-istess fond. Din l-azzjoni hi għalhekk prematura;

U ladarba din il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni, ma hemmx lok li jiġu eżaminati l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenuti;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuti li l-azzjoni attriċi hija ntempestiva, stante li l-attriċi għadha ma talbetx l-immissjoni tagħha fil-pussess tal-fond indikat fiċ-ċitazzjoni; u konsegwentement tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż kontra l-atturi.